# TEATRU MANOEL

1732

1386

**Fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Ċeċilia**
**Patruna tal-mużika u l-mużiċisti**

L-Għaqda Mużikali Our Lady of Consolation
tal-Gudja

F'isem l-Għaqdiet Każini tal-Baned

taħt il-patroċinju ta'
L-Eċċellenza tiegħu il-President tar-Repubblika ta' Malta
it-Tabib Ċensu Tabone

u

bil-koperazzjoni tal-Ministeru taż-Żgħażagħ u Kultura

tippreżenta

## PROGRAMM MUŻIKALI

taħt it-tmexxija ta'

Mro. Raymond Fenech

**28 ta' Novembru, 1992**

# PROGRAMM

**Overture** | **Lustspiel** | **Keler Bela**

Keler Bela kien vjolinista, surmast u kompożitur Ungeriż. Twieled fl-1820 u miet fl-1882. Ta' 25 sena beda jistudja il-vjolin u l-Armonija taħt id-direzzjoni ta' Schlesinger u Sechter. Ħdax il-sena wara huwa ħa t-tmexxija tal-Banda tal-Infantry Regiment. Ikkompona 130 biċċa, fosthom din, li hija waħda mill-iżjed xogħolijiet popolari tiegħu.

**Polka** | **The Nightingale** | **Harold Moss**

Harold Moss huwa kompożitur Brittaniku. Din il-polka hija miktuba għal Kurunetta Sola u akkumpanjata bil-Banda. Fiha teknika kbira u fl-istess ħin melodjuża. Varjata b'ħafna *Triple Tongueing* u Cadenzi. L-arranġatur ta' din il-Polka huwa s-Surmast **Carmelo Caruana.** Il-kurunettista huwa **Paul Busuttil.**

**Cavalleria Rusticana** | **P. Mascagni**

Din hija opra f'att wieħed fuq librett ta' Targione-Tozetti u Menasci. L-ewwel rappreżentazzjoni dinjija ta' din l-opra popolari saret f'Costanzi, Ruma fis-17 ta' Mejju, tal-1890. Sena wara dehret għall-ewwel darba f'Malta fit-Teatru Manoel. Din hija wkoll l-aktar opra popolari tiegħu. Biha kien rebaħ l-ewwel premju ta' kompetizzjoni organizzata minn Sonsogno fl-1889. Il-ġrajja ta' din l-opra teħodna fi Sqallija fl-aħħar tas-seklu li għadda fil-ġurnata tal-Għid.

**Minuet and Trio** | **Raymond Fenech**

Dan il-Minuet u Trio ġie miktub f'Awissu ta' din is-sena. Inkiteb oriġinarjament għall-Orkestra, u ġie rranġat għall-Banda mill-kompożitur stess. L-istil ta' dan il-Minuet u Trio huwa simili ħafna għal dawk ta' Mozart. Il-Banda Our Lady of Consolation hija l-ewwel Banda li ser tesegwixxi dan ix-xogħol. Din hija waħda mill-ogħla biċċiet mużikali li biha s-surmast Fenech ingħata l-F.L.C.M.

## It-Tieni Taqsima

**Overture** | **The Lonely Mill** | **Handel Lancaster**

Handel Lancaster huwa kompożitur Ingliż. Dan il-kompożitur ftit li xejn huwa magħruf. Din il-kompożizzjoni kienet miktuba għal Brass Band.

**L-Arlesienne** | **Suite No. 2** | **G. Bizet**

Bizet, il-kompożitur ta' l-Opra *Carmen*, ikkompona din il-melodrama fl-età ta' 34 sena fl-1872 tlett snin qabel ma miet. Ħadem fuq dan ix-xogħol ta' Alphonse Daudet b'ħeffa kbira. Għaliha ikkompona 27 silta li ħafna minnhom huma strumentali iżda jinkludu wkoll xi siltiet korali. Dehret għall-ewwel darba f'Ottubru tal-1827 f'Pariġi mingħajr suċċess. Iżda minn din il-mużika ħarġu żewġ suites orkestrali li nistgħu ngħidu huma popolari ħafna. Illum il-banda sejra ddoqq is-Suite No. 2 li hija arranġament ta' Guiraud.

**La Traviata** | **Għażliet Prinċipali** | **G. Verdi**

F'inqas minn tlett xhur wara t-*Trovatore,* it-teatru Feniċi reġa' għal darba oħra fetaħ il-bibien tiegħu Verdi. Iżda hija tassew kurjuża kif din l-opra kellha tkun fjask fl-ewwel rappreżentazzjoni tagħha. Iżda wara li Verdi għamel xi tibdil żgħir fil-partijiet vokali, l-opra kienet suċċess. Din l-opra fi tlett atti, librett ta' Francesco Maria Piave, hija bbażata fuq id-dramm ta' Alexandre Dumas.

**La Forza Del Destino** | **Għażliet Prinċipali** | **G. Verdi**

Meta Verdi kien għadu senatur ġie avviċinat mid-diretturi tat-teatru ta' l-opra ta' Leningrad biex jiktbilhom opra. L-għażla waqgħet fuq rumanż Spanjol ta' Don Angelo Safreda bl-isem ta' *La Forza Del Destino.* Meta dehret għall-ewwel darba, kienet suċċess u bħala għarfien tax-xogħol tiegħu Verdi ġie onorat bl-ordni ta' San Stanislaw.

## IL-BANDA OUR LADY OF CONSOLATION TAL-GUDJA.

Is-Soċjeta Our Lady of Consolation ġiet imwaqqfa fis-sena 1919 b'orkestra li kienet tikkonsisti f'madwar 16 il-mużiċist fosthom strumenti tal-korda. Uħud minnhom kienu jdoqqu fil-knisja, u anke barra mir-raħal tal-Gudja.

Il-Banda kif nafuha l-lum dehret għall-ewwel darba quddiem il-poplu Gudjan nhar it-13 ta' Awissu, 1944, għall-okkażjoni tal-festi lill-Santa Marija taħt id-direzzjoni tas-Surmast Antonio Micallef.

It-tberik tal-Banda sar mil-Eċċ. Tiegħu Mons. Emanuel Galea, Isqof ta Tralles, wara li nqara messaġġ mis-Segretarju ta dak iż-żmien, is-sur Joseph Sacco.

L-ewwel bandisti Ċinturanti kienu dawn:-- Vincenzo, Loreto u Konsolatu (aħwa) Abela, Ġużeppi u Nikola Farrugia, John, Angelo u Fortunato (aħwa) Vassallo, Emanuel u Valent (aħwa) Azzopardi, Ġużeppi u Wistin (aħwa) Mangion, Carmelo Calleja u ħutu Carlo u Tony, Carmelo Caruana, Menu Dalli, Consolatu Zammit, Nażżareno Darmanin, Ġużeppi Bonnici, John Abela u Giovanni Barbara li kien ukoll Assistent Surmast.

Wieħed biss minn dawn għadu jdoqq; Ġużeppi Farrugia bil-clarin.

Is-Surmastrijiet li ddereġew il-Banda Our Lady of Consolation kienu Antonio Micallef 1943-46, u mis-sena 1948-49. Willie Attard mis-sena 1946-48, kiteb diversi mużika għal-Banda, fosthom l-Innu "Our Lady of Consolation". Joseph Bilocca dderieġa l-Banda mis-sena 1950-91. Matul dan iż-żmien is-sur Bilocca iddedika ħafna ħin għal-allievi u kunċerti u kiteb ukoll diversi mużika għal-Banda fosthom żewġ innijiet popolari lil-Madonna taċ-Ċintura (1953) u l-iehor lill-Santa Marija (1955) u iehor fis-sena 1990 "Merħba lil-Festa tagħna" -- kollha bil-Kant.

Taħt ir-reġija tas-Surmast Bilocca, il-Banda ħadet sehem f'ħafna festi madwar l-irħula Maltin u anke programmi b'mużika klassika uħud minnhom mill-Bandisti Ċinturanti. Żewġ okkażjonijiet importanti kienu fis-sena 1956 f'Misraħ il-Palazz il-Belt flimkien mal-Banda King's Own. Wara l-programm is-Sur Bilocca ngħata prosit minn Mro. Casapinta.

Fis-sena 1957, Mro. Bilocca dderieġa l-Banda tal-M.B.C.A., u Mro. Clarence Reybould mar ukoll jifraħlu wara l-programm.

Is-Surmast Raymond Fenech L.Mus. L.C.M., ħa t-tmexxija tal-Banda fl-1992.



## Maestro R. Fenech

Raymond Fenech F.L.C.M., L.Mus.L.C.M., twieled Raħal Ġdid u ġej minn familja mużikali. Minn tfulitu, imħeġġeġ minn missieru, il-kurunettista Joseph, beda jistudja il-kurunetta.

Ħareġ idoqq mal-Banda King's Own u wara daħal fil-Banda tal-Forzi Armati fis-sena 1976. Wara tliet snin studju taħt Carmelo Pace, Raymond kiseb diversi diplomi u ċertifikati speċjalment dik ta Licenciate fil-mużika mill-London College of Music.

Kiteb diversi marċi bl-ewwel wieħed jismu "Cebla Sol". Sas-Sena 1982 huwa kien diġa għamel ħames snin Assistent Surmast mal-Banda San Filep ta Ħaż-Żebbuġ u ukoll daqq mal-Orkestra Nazzjonali Maltija, mal-Banda tal-Air Force Ingliża, mal-Orkestra Ġermaniża u f'diversi Festivals Internazzjonali.

Fis-sena 1982 emigra lejn l-Awstralja flimkien mal-familja tiegħu u f'Sydney ġie mil-ewwel mitlub biex ikun Assistent Surmast mal-Banda ta' Our Lady Queen of Peace, Parish Band ġewwa Greystanes fejn dam tmien snin u nofs f'din il-kariga.

Fis-sena 1986 ingħata scholarship mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni fl-Universita ta' New South Wales, fejn laħaq l-għan tiegħu li jkun jista jgHallem il-Mużika *full time* fl-iskejjel sekondarji. Raymond ha ukoll kors iehor speċjalizzat fid-direzzjoni taħt il-professur Gary Mc Pherson.

Barra minn Surmast tal-Banda Our Lady of Consolation, Raymond jgħallem fil-każini tal-Banda it-12th May ta' Ħaż-Żebbuġ u l-Isle Adam tar-Rabat. Huwa wkoll għalliem tal-Mużika fil-Junior Lyceum tal-Ħandaq.

Huwa rebaħ ir-raba' premju f'konkors internazzjonali ta' kompożizzjonijiet etniċi fl-Awstralja, minn fost 5000 kompożizzjoni mibgħuta minn 64 pajjiż.

*Printers:* Giov. Muscat & Co. Ltd.